MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 936/2009

**Anthony Sammut u Rose Sammut**

**-vs-**

**Moncef Choubene u Josephine Choubene**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-29 ta’ Settembru 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond numru 375/2, Zabbar Road, Fgura, illi huma kienu jikru lill-intimati u dan skond skrittura ta’ l-20 ta’ Ottubru, 2004, li kopja tagħha qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. AS1 u skrittura ta’ Frar 2008 hawn hannessa u mmarkata Dok AS3,

2. Illi l-intimati ġew konġedati mill-kirja fuq imsemmija b'ittra uffiċjali tal-1 ta' Settembru, 2009, u dan wara li ġew diversi drabi interpellati biex jiżgumbraw mill-fond in kwistjoni mill-1 ta' Jannar, 2009, *stante* illi t-terminu lokatizju kien skada *oltre* l-fatt illi l-fond in kwistjoni huwa fi stat perikoluż u jeħtieġ illi jinbidlu s-soqfa tal-istess.

3. Illi l-intimati qegħdin jokkupaw l-istess fond, b'mod abbusiv u llegali u mingħajr ebda dritt;

4. Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167/170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan ir-rikors jiġi deċiż bid-dispensa tas-smigħ billi l-konvenuti m'għandhom ebda eċċezzjoni valida fil-ligi xi jressqu kontra t-talba tal-atturi għall-konsenja lilhom taċ-ċavetta u l-pussess battal tal-imsemmi fond 375/2, Zabbar Road, Fgura.

5. Illi l-atturi jafu personalment il-fatti għal dak li jirrigwarda dak kollu premess. Dwar dan jistrieħu wkoll fuq ix-xhieda ta' dawk il-persuni kollha ndikati fil-lista tax-xhieda annessa ma' dan ir-rikors.

Għaldaqstant jgħidu il-konvenuti intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi u kif dispensata mis-smigħ tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167/170 għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

(i) tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tal-atturi bid-dispensa tas-smigħ tar-rikors *ai termini* tal-Artikoli 167/170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) tikkundanna lill-konvenuti sabiex f'terminu qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss minn din il-Qorti jikkonsenjaw lill-atturi ċ-ċavetta u l-pussess battal tal-fond numri 375/2, Zabbar Road, Fgura, *stante* illi għadda t-terminu tal-lokatizju tal-kirja tal-fond 375/2, Zabbar Road, Fgura u għalhekk il-fond jinsab f'idejhom bla ebda titolu legali u konsegwentement għandhom jirrilaxxjaw l-istess immobbili bħala liberi u bil-pussess battal favur l-atturi;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-1 ta' Settembru, 2009 u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum stess li minnu jirriżulta illi l-konvenuta ammettiet illi l-konvenuti ilhom ma jħallsu kera minn Jannar 2009, u għalhekk il-kawża ġiet posposta għas-sentenza.

**Għaldaqstant il-Qorti billi t-talba attriċi tirriżulta, tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' tliet xhur.**

**Spejjeż ikunu a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------